**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO, B.A., LL.D.**

**Appell Nru: 136/2002 JGD**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Stephen Zammit**

**Illum il-Erbgha 10 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-23 ta' Jannar, 2000 ghall-habta tan-00.30 hrs fin-Naxxar saq vettura mhux fuq in-naha tax-xellug tat-triq;
2) talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura riesaq lejn Pedestrian Crossing naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-Pubbliku;
3) talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4) talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata
5) talli saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tat-23 ta' Mejju, 2002 li biha iddikjarat li l-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza huma preskriti u wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap 65 sabet lill-appellant hati fuq it-tielet u r-raba' akkuza u immultatu LM50 u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur.

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2002 fejn talab li din il-Qorti jogghobha timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li tikkonferma dik il-parti fejn gie liberat mill-akkuzi dedotti u tiddikjara lill-appellant mhux hati tar-rimanenti imputazzjonijiet kontrih migjuba u ghalhekk tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoniu u kundanna;

Rat illi l-aggravji tal-esponent fil-qosor huma li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata u li l-multa flimkien mas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan inflitta hija sporporzjonata ghar-reat kommess;

Semghet ix-xhieda u trattazzjoni fis-seduta tal-lum;

Ikkundisrat:

Illi f' dan l-incident li gara fil-Pjazza tan-Naxxar fit-23 ta' Jannar, 2000 ftit wara nofs il-lejl, l-appellant kien tilef il-kontroll tal-vettura minnu misjuqa u qasam it-triq sal-bankina l-ohra fejn habat ma karozza pparkjata;

Illi jirrizulta li l-appellant ftit qabel kien qala' minn fejn il-"petrol station", dar dawra shiha ma' l-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar u meta gie biex jerga jidhol f' "Labour Avenue" tilef il-kontroll tal-vettura kif fuq intqal;

Illi fil-jum tal-incident kienet ghamlet ix-xita u l-art kienet imxarrba. P.S. 38 Paul Zahra xehed li b' dana kollu kien hemm "tyre marks" wara l-vettura tal-appellant li kienu jidhru cari fuq l-art imxarrba. Xehed wkoll li l-hsarat tal-vetturi kienu estensivi. L-istess xhud sostna li l-appellant kien qallu "a tempo vergine" li kien qed idur mal-Knisja, tilef il-kontroll ghax l-art kienet tizloq, qasam it-triq u habat ma' karozza li kienet ipparkjata fuq in-nahha l-ohra tat-triq. Sostna wkoll li ma kien semmielu xejn li qasamlu xi hadd u kellu jevitah u ma semmielu l-ebda ostakolu iehor;

Quddiem din il-Qorti l-appellant xehed, pero', illi huwa kien ra lill-Jennifer Bugeja qed taqsam, kien ghaddej b' xi hamsa u erbghin kilometru fis-siegha (45 km/h), kiser li-"steering" biex jevitha, tilef il-kontroll, ibbrejkja, imma peress li l-art kienet tizloq skiddja;

Kemm ix-xhieda tal-prosekuzzjoni Emanuel Bbugeja kif wkoll bintu Jennifer Bugeja, xehedhu li l-appellant kien qed isuq b' certu speed;

Ikkunsidrat:

Illi "speed" jista' jkun eccessiv anke jekk ma jeccedix dak regolamentari izda jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. (Ara Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. R. Bugeja, 30 ta' Gunju, 1962);

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha (Il-Pulizija vs. Carmel Cachia – Vol. XXXVII, iv. P. 920) "F' materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. Li-"skid" wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilita' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident". Ghaldaqstant biex tirnexxi id-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu "driver" prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et similiciter", imma jipprova ukoll li-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b' mod li l-vettura, bla htija tieghu u accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza in-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilita' kriminali."

Gie ukoll ritenut minn din il-Qorti fl-Appell: Il-Pulizija vs. J. Cost Chritien (Vol. XXXVII, iv. P. 873) li "meta tissuciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat, id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar.  Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija."

Illi l-appellant f' dan il-kaz jidher li qed jinvoka wkoll id-difiza tas-"sudden emergency" kagunata mill-qsim tat-triq mix-xhud Jennifer Bugeja, izda bir-rispett din il-Qorti thoss li dak li gara kien dovut ghax l-appellant pogga ruhu taht "a self inflicted incapacity" meta f' dawra bruska vicin "pedestrian crossing", gol-Pjazza tan-Naxxar, meta kien jaf li l-art kienet imxarrba, saq il-vettura tieghu bi speed li anke jekk ma kienx jeccedi l-massimu regolamentari kien zgur jeccedi dak dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument;

Illi gie ritenut li driver ma jistax jissolleva b' success id-difiza tas-"sudden emergency" meta l-emergenza jkun holoqha hu bis-sewqan inkonsolut u imprudenti tieghu.
Illi gie ritenut wkoll li l-"contributory negligence" f' dan il-kaz – skond l-appellant ta' Jennifer Bugeja – ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx hi l-kawza unika tas-sinistru. (Ara Appell Kriminali Il-Pulizija vs. P. Vassallo Vol. XXXVIII iv. P. 883);

Illi kunsiderat dan kollu din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-htija tal-appellant ta' sewqan perikoluz u negligenti u stante li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija l-icken li setghet tikkundannah fuq sewqan perikoluz, din il-Qorti ma' tarax li ghandha tvarja l-piena inflitta mill-ewwel Qorti;

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

(ft) Joseph Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
10. 7. 02